REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1323

tal-10 ta' Awwissu 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi taċ-ċomb f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([2]) jistabbilixxi l-livelli massimi tal-kadmju (Cd) f'firxa ta' oġġetti tal-ikel.

(2) Fit-30 ta' Jannar 2009, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni dwar il-kadmju fl-ikel ([3]). L-Awtorità kkonkludiet li l-kadmju huwa primarjament tossiku għall-kliewi, speċjalment għaċ-ċelloli tubulari prossimali fejn jakkumula maż-żmien u jista' jikkawża diżfunzjoni renali. Fid-dawl tal-effetti tossiċi tal-kadmju fuq il-kliewi, l-Awtorità stabbiliet doża tollerabbli ta' kull ġimgħa għall-kadmju ta' 2,5 μg/kg ta' piż tal-ġisem. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-esponiment medju għall-adulti madwar l-Unjoni huwa qrib id-doża tollerabbli fil-ġimgħa, jew jaqbiżha bi ftit. Ikkonkludiet ukoll li sottogruppi bħall-veġetarjani, it-tfal, dawk li jpejpu u n-nies li jgħixu f'żoni b'kontaminazzjoni għolja jistgħu jaqbżu d-doża tollerabbli fil-ġimgħa b'madwar darbtejn. Għalhekk, il-Bord CONTAM ikkonkluda li l-esponiment attwali għall-kadmju fil-livell tal-popolazzjoni jeħtieġ jitnaqqas. Wara dik l-opinjoni, fis-17 ta' Jannar 2012, l-Awtorità ħarġet rapport xjentifiku li jikkonferma li t-tfal u l-adulti fl-esponiment ta' 95 perċentil jistgħu jaqbżu l-valuri gwida bbażati fuq is-saħħa ([4]).

(3) Meta jitqiesu l-opinjoni u r-rapport xjentifiku tal-Awtorità, ġew stabbiliti livelli massimi ġodda għall-ikel tat-trabi u għaċ-ċikkulata/prodotti tal-kawkaw skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 488/2014 ([5]).

(4) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li tnaqqis immedjat fl-MLs eżistenti ma kienx xieraq dak iż-żmien. Għalhekk, adottat ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/193/UE ([6]), li tappella lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-metodi ta' mitigazzjoni diġà disponibbli jiġu kkomunikati u promossi lill-bdiewa u jibdew jew ikomplu jiġu implimentati, biex jimmonitorjaw regolarment il-progress tal-miżuri ta' mitigazzjoni billi jiġbru *data* ta' okkorrenza dwar il-livelli tal-kadmju fl-oġġetti tal-ikel u biex jirrappurtaw id-*data*, b'mod partikolari dwar il-livelli tal-kadmju qrib il-livelli massimi, jew li jaqbiżhom bi ftit, sa Frar 2018.

(5) Evalwazzjoni tal-aktar *data* riċenti dwar l-okkorrenza miġbura wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni turi li issa huwa possibbli li titnaqqas il-preżenza tal-kadmju f'ħafna oġġetti tal-ikel. Għalhekk, jixraq jitbaxxew il-livelli massimi eżistenti għall-kadmju jew jiġu stabbiliti livelli massimi għal dawk l-oġġetti tal-ikel.

(6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

([3]) Il-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari (CONTAM); Opinjoni xjentifika dwar il-kadmju fl-ikel. *EFSA Journal* 2009(980) 1-139,https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2009,980.

([4]) Rapport Xjentifiku tal-EFSA dwar l-esponiment djetetiku tal-kadmju fil-popolazzjoni Ewropea. *EFSA Journal* 2012;10(1), 2551 [37 pp.],https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2012,2551.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 488/2014 tat-12 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' arseniku inorganiku fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 138, 13.5.2014, p. 75).

([6]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/193/UE tat-4 ta' April 2014 dwar it-tnaqqis tal-preżenza tal-kadmju fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 104, 8.4.2014, p. 80).

(7) Peress li l-kadmju huwa karċinoġenu ġenotossiku indirett, u konsegwentement il-preżenza tiegħu hija riskju akbar għas-saħħa pubblika, il-prodotti bil-kadmju li ma jikkonformawx mal-livelli massimi l-ġodda u li tqiegħdu fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ jitħallew jibqgħu fis-suq biss għal perjodu limitat taż-żmien.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness li tqiegħdu fis-suq legalment qabel id-dħul fis-seħħ jistgħu jibqgħu fis-suq sat-28 ta' Frar 2022.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fit-Taqsima 3: Metalli tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, is-Subtaqsima 3.2 (il-kadmju) hija sostitwita b'dan li ġej:

"Oġġetti tal-ikel[1]		Livelli massimi (mg/kg piż niedi)
3.2	**Kadmju**	
3.2.1	Frott[27] u ġewż tas-siġar[27]	
3.2.1.1	Frott taċ-ċitru, frott taż-żerriegħa, frott tal-għadma, żebbuġ tal-mejda, frott tal-kiwi, banana, mang, papaja u ananas	0,020
3.2.1.2	Tut u frott żgħir, għajr il-lampun	0,030
3.2.1.3	Lampun	0,040
3.2.1.4	Frott, għajr dawk elenkati fi 3.2.1.1, 3.2.1.2 u 3.2.1.3	0,050
3.2.1.5	Ġewż tas-siġar (*)	
3.2.1.5.1	Ġewż tas-siġar, għajr dawk elenkati fi 3.2.1.5.2	0,20
3.2.1.5.2	Ġewż tal-arżnu	0,30
3.2.2	Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi[27]	
3.2.2.1	Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi, għajr dawk elenkati fi 3.2.2.2, 3.2.2.3, 3.2.2.4, 3.2.2.5 u 3.2.2.6. Għall-patata, il-livell massimu japplika għall-patata mqaxxra.	0,10
3.2.2.2	Ravanell	0,020
3.2.2.3	Għeruq u tuberi tropikali, għeruq tat-tursin, ġdur	0,050
3.2.2.4	Pitravi	0,060
3.2.2.5	Celeriac	0,15
3.2.2.6	Għerq tal-mustarda, zunnarija bajda, sassefrika	0,20
3.2.3	Ħxejjex tal-basla[27]	
3.2.3.1	Ħxejjex tal-basla, għajr it-tewm	0,030
3.2.3.2	Tewm	0,050
3.2.4	Ħxejjex tal-frott[27]	
3.2.4.1	Ħxejjex tal-frott, għajr il-brunġiel	0,020
3.2.4.2	Brunġiel	0,030
3.2.5	Ħxejjex tal-brassika[27]	
3.2.5.1	Brassika, għajr il-brassika bil-weraq	0,040
3.2.5.2	Brassika bil-weraq	0,10
3.2.6	Ħxejjex tal-weraq u ħxejjex aromatiċi[27]	
3.2.6.1	Ħxejjex bil-weraq, għajr dawk elenkati fil-punt 3.2.6.2	0,10
3.2.6.2	Spinaċi u weraq simili, nebbieta tal-mustarda u ħxejjex aromatiċi friski	0,20
3.2.7	Ħxejjex legumi[27]	0,020

3.2.8	Ħxejjex biz-zokk[27]	
3.2.8.1	Ħxejjex biz-zokk, għajr dawk elenkati fil-punti 3.2.8.2 u 3.2.8.3	0,030
3.2.8.2	Kurrat	0,040
3.2.8.3	Krafes	0,10
3.2.9	Faqqiegħ[27]	
3.2.9.1	Faqqiegħ ikkultivat, għajr dak elenkat fil-punt 3.2.9.2	0,050
3.2.9.2	*Lentinula edodes* (faqqiegħ Shiitake) u *Pleurotus, ostreatus* faqqiegħ tal-gajdra)	0,15
3.2.9.3	Faqqiegħ salvaġġ	0,50
3.2.10	Legumi u proteini mil-legumi	
3.2.10.1	Legumi, għajr il-proteini mil-legumi	0,040
3.2.10.2	Proteini mil-legumi	0,10
3.2.11	Żrieragħ żejtnin (*)	
3.2.11.1	Żrieragħ żejtnin, għajr dawk elenkati fi 3.2.11.2, 3.2.11.3, 3.2.11.4, 3.2.11.5 u 3.2.11.6	0,10
3.2.11.2	Żrieragħ tal-lift	0,15
3.2.11.3	Karawett u fażola tas-sojja	0,20
3.2.11.4	Żerriegħa tal-mustarda	0,30
3.2.11.5	Żerriegħa tal-kittien u żerriegħa tal-ġirasol	0,50
3.2.11.6	Żerriegħa tal-pepprin	1,20
3.2.12	Ċereali (**)	
3.2.12.1	Ċereali, għajr dawk elenkati fi 3.2.12.2, 3.2.12.3, 3.2.12.4 u 3.2.12.5	0,10
3.2.12.2	Segala u xgħir	0,050
3.2.12.3	Ross, kinoa, nuħħala tal-qamħ u glutina tal-qamħ	0,15
3.2.12.4	*Triticum durum* (qamħ durum)	0,18
3.2.12.5	Raħs tal-qamħ	0,20
3.2.13	Prodotti speċifiċi tal-kawkaw u taċ-ċikkulata kif elenkat hawn taħt[49]	
3.2.13.1	— Ċikkulata tal-ħalib b'kontenut totali ta' solidi niexfa tal-kawkaw < 30 %	0,10
3.2.13.2	— Ċikkulata b'kontenut totali ta' solidi niexfa tal-kawkaw < 50 %; ċikkulata tal-ħalib b'kontenut totali ta' solidi niexfa tal-kawkaw < 30 %	0,30
3.2.13.3	— Ċikkulata b'kontenut totali ta' solidi niexfa tal-kawkaw ≥ 50 %	0,80
3.2.13.4	— Trab tal-kawkaw mibjugħ lill-konsumatur finali jew bħala ingredjent fi trab tal-kawkaw biz-zokkor mibjugħ lill-konsumatur finali (ċikkulata għax-xorb)	0,60
3.2.14	Prodotti li joriġinaw mill-annimali – annimali terrestri[6]	
3.2.14.1	Laħam (għajr il-ġewwieni) tal-annimali bovini, nagħaġ, majjali u tjur	0,050

3.2.14.2	Laħam taż-żiemel, għajr il-ġewwieni	0,20
3.2.14.3	Fwied tal-annimali bovini, nagħaġ, majjali, tjur jew taż-żiemel	0,50
3.2.14.4	Kliewi tal-annimali bovini, nagħaġ, majjali, tjur jew taż-żiemel	1,0
3.2.15	Prodotti li joriġinaw mill-annimali - ħut, prodotti tal-ħut u kwalunkwe prodott ieħor tal-ikel tal-baħar jew tal-ilma ħelu	
3.2.15.1	Laħam tal-muskoli tal-ħut [24] [25], għajr l-ispeċijiet elenkati fil-punti 3.2.15.2, 3.2.15.3 u 3.2.15.4	0,050
3.2.15.2	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej[24] [25]: kavalli (*Scomber species*), tonn (*Thunnus species, Katsuwonus pelamis, Euthynnus species*), bichique (*Sicyopterus lagocephalus*)	0,10
3.2.15.3	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej[24] [25]: tumberell (*Auxis species*)	0,15
3.2.15.4	Laħam tal-muskoli tal-ħut li ġej[24] [25]: inċova (*Engraulis species*), pixxispad (*Xiphias gladius*), sardin (*Sardina pilchardus*)	0,25
3.2.15.5	Krustaċej[26]: laħam tal-muskoli mill-appendiċi u l-abdomen[44]. Fil-każ tal-granċijiet u ta' krustaċej simili għall-granċijiet (*Brachyura* u *Anomura*), il-laħam tal-muskoli mill-appendiċi.	0,50
3.2.15.6	Molluski bivalvi[26]	1,0
3.2.15.7	Kefalopodi (mingħajr vixxeri)[26]	1,0
3.2.16	Il-formuli tat-trabi, il-formuli tal-prosegwiment u l-ikel għal raġunijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar [3] [29] u l-formuli maħsubin għat-tfal iż-żgħar [29] [57]	
3.2.16.1	— ikkummerċjalizzat bħala trab u manifatturat mill-proteini tal-ħalib tal-baqra jew mill-idrolisati tal-proteina tal-ħalib tal-baqra	0,010
3.2.16.2	— ikkummerċjalizzat bħala trab u manifatturat mill-proteini tal-ħalib tal-baqra jew mill-idrolisati tal-proteina tal-ħalib tal-baqra	0,005
3.2.16.3	— ikkummerċjalizzat bħala trab u manifatturat mill-iżolati tal-proteina tas-sojja, waħdu jew f'taħlita ma' proteini tal-ħalib tal-baqar	0,020
3.2.16.4	— ikkummerċjalizzat bħala likwidu u manifatturat mill-iżolati tal-proteina tas-sojja, waħdu jew f'taħlita ma' proteini tal-ħalib tal-baqar	0,010
3.2.17	Formuli għat-tfal iż-żgħar[29] [57]	
3.2.17.1	— ikkummerċjalizzat bħala trab u manifatturat mill-iżolati tal-proteina tal-pjanti għajr l-iżolati tal-proteina tas-sojja, waħdu jew f'taħlita ma' proteini tal-ħalib tal-baqar	0,020
3.2.17.2	— ikkummerċjalizzat bħala likwidu u manifatturat mill-iżolati tal-proteina tal-pjanti għajr l-iżolati tal-proteina tas-sojja, waħdu jew f'taħlita ma' proteini tal-ħalib tal-baqar	0,010

3.2.18	Ikel ipproċessat b'bażi ta' ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal iż-żgħar [3] [29]	0,040
3.2.19	Xorb għat-trabi u t-tfal iż-żgħar tikkettat u mibjugħ bħala tali, għajr dak imsemmi fi 3.2.16 u 3.2.17	
3.2.19.1	Ikkummerċjalizzat bħala likwidu jew biex ikun rikostitwit skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur inkluż il-meraq tal-frott[4]	0,020
3.2.20	Supplimenti tal-ikel[39]	
3.2.20.1	Supplimenti tal-ikel, għajr is-supplimenti tal-ikel elenkati fil-punt 3.2.20.2	1,0
3.2.20.2	Supplimenti tal-ikel li jikkonsistu esklużivament jew prinċipalment minn algi mnixxfa, prodotti magħmulin mill-algi, jew minn molluski bivalvi mnixxfa	3,0
3.2.21	Melħ	0,50

(*) Il-livelli massimi ma japplikawx għall-ġewż tas-siġar jew għaż-żrieragħ żejtnin għat-tisħiq u għar-raffinar taż-żejt, sakemm il-ġewż tas-siġar jew iż-żrieragħ żejtnin misħuqin li jifdal ma jitqegħdux fis-suq bħala ikel. Jekk il-bqija tal-ġewż tas-siġar jew iż-żrieragħ żejtnin misħuqin jitqiegħdu fis-suq bħala ikel, japplikaw il-livelli massimi, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(1) u 2(2) ta' dan ir-Regolament.

(**) Il-livelli massimi ma japplikawx għaċ-ċereali użati għall-produzzjoni tal-birra jew tad-distillati, sakemm ix-xgħir li jifdal ma jitqegħedx fis-suq bħala ikel. Jekk il-bqija tal-malt jitqiegħed fis-suq bħala ikel, japplikaw il-livelli massimi, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 2(1) u 2(2) ta' dan ir-Regolament."